— il-pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart dwar il-postijiet jew l-installazzjonijiet xierqa għar-rimi ta' l-skart għar-reġjun ta' Lazio, skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 75/442, kif emendata bid-Direttiva 91/156,

— il-pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart għar-reġjuni ta' Friuli-Venezia-Giulia u tal-Puglia, kif ukoll għall-provinċja awtonoma ta' Bolzano-Alto Adige u għall-provinċja ta' Rimini, skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, fuq skart perikoluż,

1) ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond dawn id-direttivi.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' l-24 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu

(Kawża C-321/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/14/KE — Informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea — Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fuq ir-rappreżentazzjoni ta' l-impjegati (ĠU L 80, p. 29).

Dispożittiv

1) Peress li ma adottax, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi meħtieġa biex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas li jwettaq l-obbligi imposti fuqu skond din id-Direttiva.

2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja

(Kawża C-333/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Trasport bl-ajru — Passiġġieri li ma jitħallewx jitilgħu u kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjira — Kumpens u assistenza lill-passiġġieri — Adozzjoni ta' sanzjonijiet"